**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 4 ta' Gunju 2025**

**Kumpilazzjoni Numru: 522/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Antoine Borg**
**Patrick Cassar**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Antoine Borg ta' 36 sena iben Anthony u Philippa nee Seguna imwieled St. Andrews l/o San Giljan, nhar id-29 ta' Novembru 1981, u li joqghod Villa Los Angeles, Triq Zejni, Swieqi, detentur tal-karta tal-identita numru 68382M, u

Patrick Cassar ta' 39 sena iben missier mhux maghruf u Mary Cassar imwieled Pieta nhar is-7 t' Awwissu 1979 u li joqghod numru 20, Yucca Court, Flat 15, Triq Carmelo De Lucca, San Pawl il-Bahar detentur tal-karta tal-identita numru 499279M

Akkuzati talli fil-lejl bejn id-9 u l-10 ta' Gunju 2018, ghall-habta ta' nofs il-lejl minn sit ta' kostruzzjoni fi Triq Annibale Preca, Lija:

1. Ikkommettew serq ta' ghadd ta' ghodod, l-iktar power tools li jintuzaw fix-xoghol ta' kostruzzjoni, liema serqa hija aggravata bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-hin, liema serq sar ghad-dannu ta' Edwin Micallef u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita u/jew entitajiet ohra

Antoine Borg wahdu akkuzat talli:

2. Ikkommetta l-istess reat volontarju hawn addebitat, li ghalih hemm kontemplat piena ta' prigunerija, fit-terminu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija ta' sentejn sospiza ghal tlett snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligiijet ta' Malta, moghtija fil-konfront tieghu nhar l-4 t' Ottubru 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D)

Patrick Cassar wahdu akkuzat ukoll talli:

3. Ikkommetta r-reat volontraju lilu hawn addebitat, liema reat ta' serq igorr piena ta' prigunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' liberazzjoni kondizzjonata ghall-zmien tlett (3) snin, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446, Att dwar il-Probation tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' sentenza, definittiva moghtija fil-konfront tieghu nhar is-26 ta' Marzu 2018 mill-Magistrat Dr Joseph Mifsud LL.D.

Finalment iz-zewg imputati flimkien, akkuzati wkoll talli:

4. Irrendew rwiehhom recidivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

2. Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-23 t' Ottubru 2019 fejn deherlu li tista' tinstab htija taht is-segwenti disposizzjonijiet tal-ligi:

    1. Fl-Artikoli 261, 263, 264, 266, 267, 270, 279, 280, 281 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
    2. Fl-Artikoli 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
    3. Fl-Artikoli 28A, 28B, 28C, 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
    4. Fl-Artikoli 49, 50, 289 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
    5. Fl-Artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
    6. Fl-Artikoli 22, 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li dawn il-proceduri kontra taghhom jigu trattati bil-procedura sommarja.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tal-imputat Antoine Borg, u rat li l-imputat Patrick Cassar naqas li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu lilu preskritt, nonostante li nghata l-fakolta li jaghmel dan.

**Il-Fatti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

    i. Fil-11 ta' Gunju 2018 ghal habta tad-disgha nieqes kwart ta' fil-ghodu (8.45a.m.) Edwin Micallef irraporta l-Ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara, illi meta iktar kmieni dakinhar stess huwa kien mar biex jibda l-gurnata tax-xoghol f'sit ta' kostruzzjoni fi Triq Annibale Preca, Hal-Lija, huwa kien intebah li xi hadd kien kiseb access ghal gewwa dan is-sit illi kien imdawwar b'recint, u zgassa tieqa ta' *pre-fabricated mobile store* li kien jintuza bhala ufficcju fuq il-post, kif ukoll kien iservi bhala mahzen temporanju fejn kien ipoggi l-ghodda tax-xoghol. Huwa qal li sab nieqsa kwantita kbira ta' *power tools* li huwa juza' waqt ix-xoghol tieghu, u skond hu l-

valur tal-ghodda misruqa kien jammonta ghal madwar ghaxart elef Euro (€10,000). Huwa qal li l-ahhar darba li ra s-sit u l-mahzen temporanju intatt kien fid-9 ta' Gunju 2018, ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinnhar (4.00pm).

ii. Meta gie analizzat il-filmat tac-CCTV li kien hemm fuq is-sit, irrizulta li zewg persuni kienu dahlu fis-sit fil-hdax u disgha u hamsin minuta ta' bil-lejl (11.59pm) tad-9 ta' Gunju 2018. Pero peress li l-area kienet mudlama, dawn il-persuni ma kinux jintgharfu. Fl-istess filmat, pero madwar nofs siegha wara, dehret vettura tal-ghamla Toyota Corsa bajda tirriversja fl-isqaq illi hemm magenb is-sit ta' kostruzzjoni in kwistjoni. Din il-vettura kella faxx iswed matul il-genb tan-naha tal-lemin.

iii. Waqt l-investigazzjoni irrizulta li l-imputat Antoine Borg kellu vettura tal-ghamla Toyota Corsa bin-numru ta' registrazzjoni ABI 493 registrata fuq ismu. Din il-vettura kellha faxx ezatt kif jidher fuq il-vettura fil-filmat in kwistjoni.

iv. Sussegwentement, fid-9 ta' Lulju 2018, Marlene Dingli, il-partner tal-imputat Patrick Cassar, ghamlet rapport lill-Pulizija li hija kienet xtrat vettura tal-ghamla Toyota Corsa bin-numru ta' registrazzjoni ABI 493 fi Frar tas-sena 2018, u ghal xi raguni, hija kienet irregistrat din il-vettura fuq l-imputat Antoine Borg. Hija qalet li issa hija riedet tirregistra din il-vettura f'isimha, pero l-imputat Borg ma riedx itiha l-log book.

v. L-imputat Patrick Cassar gie arrestat, u waqt l-interrogazzjoni tieghu huwa ammetta l-involviment tieghu fis-serqa in kwistjoni. Huwa qal li l-persuna l-ohra f'din is-serqa kien Antoine Borg. Huwa spjega illi kien ilu jahdem bhala bennej ta' Antoine Borg sittax (16)-il sena. L-imputat Cassar spjega illi wara s-serqa huma marru fir-residenza ta' Antoine Borg, gewwa s-Swieqi, fejn hemmhekk hattew l-ghodda, u hallewhom hemm. Huwa insista li minn din is-serqa huwa ma ha xejn, ghax ghalkemm Antoine Borg wieghdu xi flus, dan baqa' ma tahomlux.

vi. Ghalkemm il-Pulizija ghamlet tfittixija fir-residenza tal-imputat Patrick Cassar, l-oggetti misruqa ma nstabux.

vii. Ghalhekk il-Pulizija arrestat lil Antoine Borg, u waqt it-tfittxija fir-residenza tieghu gew elevati numru ta' *power tools,* li gew murija lid-derubat Edwin Micallef. Micallef qal li mill-ghodda elevata *battery operated driller tal-marka Makita* biss kien tieghu. Huwa qal li hu gharaf dan id-driller peress li kien ghamillu xi alterazzjonijiet biex ikun jista' jahdem ahjar, skond hu.

viii. Waqt l-interrogazzjoni, l-imputat Antoine Cassar cahad l-involviment tieghu f'din is-serqa, u qal li d-driller tal-marka Makita kien xtrah minghand Patrick Cassar.

ix. Ghalhekk gew istitwiti dawn il-proceduri kriminali fil-konfront taz-zewg imputati.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Htija**

7. Skond il-gurisprudenza stabbilita ta' dawn il-Qrati, meta fi proceduri bhal dawk odjerni, ikun hemm zewg ko-imputati, jew aktar, bhal fil-kaz odjern, ix-xhieda jew kull dikjarazzjoni ohra maghmula minn ko-imputat wiehed mhux ammissibbli fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor, kemm jekk din ix-xhieda tkun favur u kemm jekk tkun kontra l-iehor. Dan gie ribadit fid-digriet tal-Qorti Kriminali[1] tat-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs *omissis* Ian Farrugia**, fejn gie ritenut hekk: *"Il-gurisprudenza hija cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument a contrario sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali."* u l-Qorti Kriminali tghaddi biex ticcita diversi sentenzi in materja.[2]

8. Ghalhekk, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-imputati, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tal-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet tal-imputati lill-ufficjali tal-

[1] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.
[2] Ara wkoll fl-istess sens id-digriet tal-Qorti Kriminali (*per Onor.* Imhallef Joseph Galea Debono) tal-4 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Brian Vella**.

Pulizija, u x-xhieda tal-imputat Patrick Cassar fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor f'dawn il-proceduri.

9. Ghal din ir-raguni wkoll, il-Qorti se tikkunsidra l-provi prodotti, u l-eccezzjonijiet sollevati fil-konfront ta' kull imputat individwali.

*Fir-rigward tal-imputat Patrick Cassar*

10. Meta l-imputat Patrick Cassar gie arrestat huwa iddecieda li jikkopera mal-Pulizija u ammetta l-involviment tieghu f'din is-serqa. Pero ghal xi raguni, huwa deherlu li ma kellux jammetti ghall-ewwel imputazzjoni f'dawn il-proceduri. Mill-istqarrija awdovizwali ezebita in atti, jirrizulta ampjament, li waqt l-interrogatorju huwa ammetta li mar mal-ko-imputat Borg sabiex jisraq l-ghodda in kwistjoni, ghalkemm jghid li effettivament ma iggwadanja xejn minn din is-serqa. Fl-istqarrija huwa jidhol fid-dettal dwar id-dinamika ta' kif sar dan is-serq, u x'sehh wara.

11. L-imputat Cassar ghazel ukoll li jixhed f'dawn il-proceduri, fejn rega' tenna l-involviment tieghu f'din is-serqa. Pero din id-darba, kuntrarjament ghal dak li ghamel fl-istqarrija tieghu, huwa jipprova jiskolpa ruhu minn kull htija billi jghid illi l-ko-imputat Borg, li dak iz-zmien kien l-imghallem tieghu, kien talbu biex jghinu biex jghabbi l-ghodda mis-sit in kwistjoni, u mhux biex imur jisraq. Huwa jghid ukoll li huma qalghu t-tieqa, ghaliex Borg qallu li kien nesa' c-cwievet tal-*mobile store.*[3] Fix-xhieda tieghu, hu jghid li sar jaf li l-ghodda kienet misruqa, meta gie arrestat mill-Pulizija. Huwa jammetti li ghalkemm il-vettura Toyota ABI 493 kienet registrata fuq Antoine Borg, kien juzaha hu.

12. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, il-verzjoni tal-fatti li ta l-imputat Patrick Cassar f'dawn il-proceduri mhix wahda kredibbli. Huwa jrid lil din il-Qorti temmen li hu mar f'nofs ta' lejl biex jghin lill-principal tieghu jigbor l-ghodda minn sit ta' kostruzzjoni u johodha d-dar, minghajr ma kien jaf li huma marru fis-sit in kwistjoni biex jisirqu. L-imputat ma offra l-ebda spjegazzjoni ghalfejn marru dak il-hin, u garrew l-ghodda kollha li kien

[3] Ara fol. 257 tal-process.

hemm fil-kamra. Certament li dan m'hux hin nomrali, meta n-nies fil-mestier taz-zewg imputati jahdmu jew joqghodu jgorru l-ghodda. Huwa jghid li qalghu it-tieqa tal-*mobile store* ghax Borg qallu li nesa c-cwievet. Apparti l-fatt li normalment jekk persuna tinsa' c-cavetta tmur lura ghalihom, u mhux taqla' t-tieqa, pero anke jekk ghal xi raguni jew ohra deherlu li dan kien agir normali, certament mhux agir normali li wara li taqla' t-tieqa ma tergax tpoggiha f'postha, u thalli l-apertura tal-*mobile store* miftuha berah.

13. L-imputat Cassar jghid ukoll li dak il-lejl ircieva telefonata wahda jekk mhux tnejn minghand il-ko-imputat Borg, pero ma ressaq l-ebda prova indipendenti ta' dan. In oltre, in kontro-ezami, l-imputat Cassar, l-ewwel jghid li dak iz-zmien l-imputat Borg ma kellux jghatih flus[4], imbaghad jghid li kellu jghatih xi *"cucata"*, izda fid-data li fiha xehed – cioe fis-17 ta' Lulju 2023 – kellu jaghtih xi ghaxart elef Euro (€10,000). Meta gie mistoqsi ghaliex zdied l-ammont li l-imputat Borg kellu jtih, meta hu ma kompliex jahdem mieghu wara s-serqa, l-imputat Cassar wiegeb li ma jafx, imma dak kien l-ammont li kien dovut lilu.[5]

14. Ghaldaqstant, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, il-verzjoni tal-fatti li l-imputat Cassar ta waqt l-istqarrija tieghu hija l-verzjoni l-aktar kredibbli u l-verzjoni veritiera, u cioe li hu mar flimkien ma' persuna ohra – skond hu l-imputat Antoine Borg – fuq s-sit in kwistjoni bl-iskop li jisraq l-ghodda.

15. *Ex abbundantia*, il-Qorti tirrileva illi d-derubat Edwin Micallef xehed li fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-imputat Patrick Cassar avvicinah barra l-awla ta' din il-Qorti, waqt li kienu qieghdin jistennew li tissejjah din il-kawza, u qallu biex ifittex il-filmati tas-CCTV ta' gimgha qabel id-data tas-serqa, ghaliex kien sar *scouting* fuq is-sit li kien ser jigi misruq.[6]

16. Minn ezami tal-ircevuti originali tal-ghodda misruqa – ezebiti mid-derubat Edwin Micallef[7] - jirrizulta li l-valur tal-ghodda misruqa huwa ta' disat elef, mija u hames Euro u erbgha u tletin centezmu (€9,105.34).

17. Ghaldaqstant, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

---

[4] Ara fol. 259 tal-process.
[5] Ara fol. 261 tal-process.
[6] Ara fol. 185 tal-process.
[7] Ara fol. 188 tal-process.

18. L-imputat Cassar huwa mixli wkoll li ikkommetta dan ir-reat fil-perjodu operattiv ta' ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata ghal zmien tlett (3) snin moghtija b'sentenza ta' din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat Dr Joseph Mifsud, fis-26 ta' Marzu 2018. Il-Prosekuzzjoni ezebiet kopja awtentikata ta' din is-sentenza,[8] u ghalhekk qed issibu hati ta' din l-imputazzjoni wkoll, u se tittratta mieghu ghal ksur ta' din l-ordni.

19. L-imputat Cassar huwa mixli wkoll li hu recidiv. Il-Prosekuzzjoni ezebiet kopja awtentikata tas-sentenza ta' din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat Dr Noel Cuschieri, fit-12 t'April 2002.[9] B'din is-sentenza l-imputat instab hati ghar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur u bin-natura tal-haga, u bi hsara volontarja. Il-piena massima ghal dan ir-reat kienet ta' hames (5) snin prigunerija.[10] Pero' ghaddew izjed minn hames snin mid-data li fiha l-imputat Cassar ikkommetta dan ir-reat, u d-data meta gew kommessi r-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza. Konsegwentement, ghalkemm il-Qorti qed issib lill-imputat Cassar hati li hu recidiv fit-termini tal-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, hija mhix qed issib li huwa recidiv ghal finijiet tal-Artikoli 50 u 289 tal-istess Kodici.

*Fir-rigward tal-imputat Antoine Borg*

20. Fin-nota ta' sottomissjoniet taghha, il-Prosekuzzjoni torbot dan ir-reat ta' serq mal-imputat Antoine Borg ghal zewg ragunijiet. L-ewwel raguni hija li bicca ghodda partikolari, cioe *driller* tal-marka Makita, li giet misruqa, instabet fil-pussess tal-imputat Borg waqt it-tfittxija mill-Pulizija. It-tieni raguni hija li ghalkemm il-linja tal-mobile bin-numru 7705 1746 hija registrata fuq Ruth Dingli,[11] it-tfajla tal-imputat Borg, waqt l-istqarrija tieghu, l-imputat Borg iddikjara li din kienet il-linja tal-mobile tieghu, u fl-10 ta' Gunju 2018 bejn 22:16:23hrs u 22:20:24hrs, din l-linja tal-mobile ghamlet zewg telefonati lill-imputat Patrick Cassar[12], fuq il-linja tal-mobile 7799 4279, li l-imputat Cassar iddikjara li kienet il-linja tal-mobile tieghu, waqt l-istqarrija tieghu.

[8] Ara fol. 54 tal-process.
[9] Ara fol. 57 tal-process.
[10] Ara Artikolu 277(b) tal-Kodici Kriminali.
[11] Ara xhieda ta' Emily Abela, adetta mas-socjeta Melita Ltd. a fol. 193 tal-process.
[12] Ara fol. 195 tal-process.

21. Ghar-ragunijiet ta' logika, il-Qorti se tibda mit-tieni raguni moghtija mill-Prosekuzzjoni, u cioe li skond hi inqas minn saghtejn qabel is-serqa, l-imputat Antoine Borg ghamel zewg telefonati lill-imputat Patrick Cassar. Il-Qorti tibda billi tghid li anki kieku dan kien minnu, dan il-fatt wahdu ma jfissirx awtomatikament li l-imputat Borg kien ko-awtur jew komplici fis-serqa. Pero, iktar importanti minn hekk, il-Prosekuzzjoni hawnhekk hija fattwalment skorretta, ghaliex mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li s-serqa bdiet fid-9 ta' Gunju 2018 ftit qabel nofs-il-lejl u kompliet fl-10 ta' Gunju 2018 wara nofs-il-lejl. Iz-zewg telefonati saru fl-10 ta' Gunju 2018 ghall-habta tal-ghaxra u kwart ta' bil-lejl (10.15pm). Dan ifisser li effettivament, dawn iz-zewg telefonati saru mill-imputat Borg kwazi tnejn u ghoxrin (22) siegha wara s-serqa. Ghalhekk dawn iz-zewg telefonati bl-ebda mod ma jikkorroboraw dak li qal l-imputat Cassar, u cioe li l-imputat Borg kien qed isus warajh biex iwettqu s-serqa.

22. Rigward l-ewwel raguni moghtija mill-Prosekuzzjoni, m'hemmx dubbju li wiehed mid-*drillers* misruqa instab fil-pussess tal-imputat Antoine Borg. Waqt l-interrogatorju Borg jghid li huwa kien xtara dan id-driller ftit qabel minghand l-imputat Cassar ghall-prezz ta' hamsin Euro (€50.00), flimkien ma' barmil spanners.[13] Il-Qorti taqbel mal-Prosekuzzjoni li din il-verzjoni tal-fatti m'hix kredibbli, ghax iktar kmieni fl-interrogatorju tieghu l-imputat Borg qal li l-imputat Patrick Cassar kellu jtieh cirka disat elef Euro (€9,000). Ghalhekk il-buon sens u l-logika f'sitwazzjoni simili kienet, mhux li l-imputat Borg jaghti iktar flus lil Cassar, imma li jghidlu li l-hamsin Euro (€50.00) kien ser ipacihom mal-flus li hu, cioe Borg, kellu jiehu minghandu.

23. Pero, il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni tal-Prosekuzzjoni li dan il-fatt huwa prova li l-imputat Borg kien ko-awtur tas-serqa. Dan il-fatt huwa biss prova li l-imputat Borg huwa hati ta ricettazzjoni, ghaliex din il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju ragonevoli li meta xtara dan id-driller, huwa kien jaf li d-driller kien misruq. Dan ghaliex fl-istqarrija tieghu huwa jghid li kien jaf li Patrick Cassar kien jabbuza mis-sustanzi illeciti, kellu problema ta' finanzi, u ma kienx persuna affidabbli tant li jghid li anki seraq ghodda lilu personali.[14]

[13] Ara fol. 121 - 122 tal-process.
[14] Ara fol. 114 tal-process.

24. Fin-nota ta' sottomissjoniet taghha, id-difiza tal-imputat Borg tirrileva li fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali ma giex indikat l-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, cioe l-artikolu li jikkontempla r-reat ta' ricettazzjoni, u ghalhekk l-imputat Borg ma giex mixli b'dan ir-reat. Id-difiza issottomettiet ukoll illi minkejja dak provdut fl-Artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali, dan l-Artikolu mhux applikabbli fil-kaz odjern, stante li japplika ghal proceduri quddiem il-Qorti Kriminali. In sostenn ta' dan, id-difiza tal-imputat Borg tirrileva illi l-Artikolu 476(2) m'huwiex wiehed mill-Artikoli imsemmija fl-Artikolu 525 tal-Kodici Kriminali, u konsegwentement il-legislatur espressament eskluda l-applikabbilita tal-Artikolu 476(2) ghall-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

25. L-Artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi hekk:

*"Jekk persuna, fuq akkuża tas-serq, sew jekk sempliċi jew ikkwalifikat, ta' xi oġġett tiġi misjuba mhux ħatja ta' dik l-akkuża, il-ġuri jista' jiddikjaraha ħatja ta' misapproprjazzjoni ta' dak l-oġġett jew tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 334 rigward dak l-oġġett, jekk ikun hemm provi ta' dan; ... ... :*
*Iżda l-piena ma għandha f'ebda każ tkun aktar gravi minn dik mitluba fl-att tal-akkuża."*

Kif sewwa irrilevat id-difiza dan l-Artikolu jinsab mad-disposizzjonijiet li jirregolaw il-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali.[15] Pero dan ma jfissirx li dan l-Artikolu mhux ukoll applikabbli fi proceduri "sommarji" quddiem din il-Qorti, kif issottomettiet id-difiza tal-imputat Antoine Borg.

26. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs Diego Grixti**, deciza fl-1 ta' Dicembru 2008, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)[16] irrieniet hekk:

*"Apparti minn hekk, illum, bl-introduzzjoni tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 476 tal-Kodici Kriminali bl-Att III tal-2002, persuna akkuzata ta' serq tista' tinstab hatja ta' approprjazzjoni indebita jew ta' ricettazzjoni (u vice versa). Ma hemmx dubbju li din ir-regola, bhar-regoli msemmija fis-subartikoli (2), (3) u (4) tal-Artikolu 467 tal-imsemmi*

[15] Titolu IV tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Kriminali.
[16] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

*Kodici, tapplika mhux biss ghall-proceduri solenni quddiem il-Qorti Kriminali, izda anke ghall-proceduri sommarji quddiem il-Qorti tal-Magistrati."*

27. Din hija l-linja li dejjem hadu l-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna; u kienet tkun sitwazzjoni pjuttost stramba, jekk mhux addirittura assurda, li kieku filwaqt li fil-procedura solenni tal-guri persuna li tkun akkuzata *ta'* serq tista' tinstab hatja ta' approprjazzjoni indebita jew ta' ricettazzjoni (u vice versa), fil-procedura essenzjalment "sommarja" quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tali possibilita` ma kientx tezisti.[17]

28. Fil-fatt is-sentenza ta' **Diego Grixti** giet iccitata b'approvazzjoni mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Luke Farrugia vs L-Avukat Generali** deciza fit-12 ta' Lulju 2011, li fiha gie ritenut hekk:

*"24. Ghandu jigi rilevat li dak deciz fil-kaz* ***Pulizija v Diego Grixti***[18] *ma kienitx xi innovazzjoni sorprendenti ghaliex aktar minn darba il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha l-opportunita` li tapplika dispozizzjonijiet li jkunu esplicitament applikabbli ghal Qorti specifika ta' kompetenza kriminali ghal qrati ohra wkoll ta' kompetenza kriminali ghalkemm ma jkun hemm ebda dispozizzjoni legali li tirrendi l-istess dispozizzjonijiet applikabbli ghal dawk il-qrati l-ohra.*[19] *Kien hemm kazijiet fejn addirittura l Qorti tal-Appell Kriminali applikat ukoll dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni Procedura Civili ghal qrati ta' kompetenza kriminali minkejja n-nuqqas ta' xi dispozizzjoni legali li kienet tirrendi dawk id dispozizzjonijiet hekk applikabbli.*[20] *Ghalhekk, dak li ghamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali meta applikat l-Artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali kif emendat kien prevedibbli ghall-appellant li kellu kull opportunita` jindirizza l-applikabilita` o meno tal-istess artikolu ghall-kaz tieghu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.*

---

[17] Ara b'anologija s-sentenza **Il-Pulizija vs *Omissis* – Carmelo Agius** deciza fl-24 ta' Mejju 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) *per* Imhallef Vincent De Gaetano.
[18] *Ibid.*
[19] *Ara inter alia Rex v Edward Hilson Hall Vol. XXXI.iv.310; P v Saviour Chircop et., XXXI.iv.521; P v Angelo Grima Vol. XXXVI.iv.832; P v Paolo Calleja, Vol. XLIII.iv.929.*
[20] *Ara inter alia P v Joseph Cumbo Vol XLII.iv.1260; P v Dr. Carmelo Caruana et. XLII.iv.1444*

*25. Illi għalhekk anqas minn dan l-aspett ma jista' jiġi ritenut li kien hemm xi nuqqas ta' smiegħ xieraq mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ tal-appellant u għalhekk ma tirriżulta ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni."*

29. Għaldaqstant, din il-Qorti qed issib lill-imputat Borg ħati tar-reat ta' riċettazzjoni, u mhux ta' serq.

30. Għal dak li jirrigwarda l-valur tal-*driller* misruq, Edwin Micallef, id-derubat, xehed li dan id-driller jifforma parti minn sett ta' tnejn li kienu jiswew madwar seba' mitt Euro (€700), u kellu l-irċevuta tiegħu, li ġiet eżebita flimkien ma' irċevuti oħra.[21] Il-Qorti eżaminat l-irċevuti tal-għodda misruqa eżebita minn dan ix-xhud, u minn dak li setgħet tifhem, l-irċevuta in kwistjoni hija dik li hemm kopja tagħha a fol. 173 tal-proċess.[22] Minn din l-irċevuta jirriżulta li fl-14 ta' Ġunju 2011, Edwin Micallef xtara *inter alia combo kit* ta' żewġ *drillers* tal-għamla Makita għall-prezz ta' erba' mija u tlieta u tmenin Euro u ħames ċentezmi (€483.05) eskluża il-VAT. Għalhekk il-prezz bil-VAT taż-żewġ *drillers* kien ta' ħames mija u sebgħin Euro (€570). Konsegwentement, isegwi li l-prezz ta' *driller* wieħed kien ta' mitejn u ħamsa u tmenin Euro (€285.00).

31. L-imputat Borg huwa mixli wkoll li ikkommetta reat volontarju fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija minn din il-Qorti, diversament preseduta, fl-4 t' Ottubru 2016. Il-Prosekuzzjoni eżebiet kopja awtentikata ta' din is-sentenza,[23] li inforza tagħha l-imputat ġie ikkundannat għal piena ta' sentejn priġunerija sospiża għal 3 snin. Konsegwentement, din l-imputazzjoni ġiet debitament ippruvata.

32. L-imputat Borg ġie mixli wkoll li hu reċidiv. Għal dan il-fini, il-Prosekuzzjoni eżebiet sentenza mogħtija minn din il-Qorti, diversament preseduta fil-5 ta' Diċembru 2007,[24] fejn l-imputat instab ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, tar-reat ta' traffikar ta' persuni. Hu ġie ikkundannat multa għal dan ir-reat ta' għaxart elef Liri Maltin (LM10,000), u kien hemm trapass ta' iktar minn ħames (5) snin bejn din il-kundanna, u r-reat li tiegħu instab ħati f'dawn il-proċeduri. Konsegwentement, għalkemm il-Qorti qed issib lill-imputat

[21] Ara fol. 136 tal-proċess.
[22] L-irċevuta oriġinali tinsab eżebita a fol. 188 tal-proċess.
[23] Ara Dok JM6 a fol. 42 tal-proċess.
[24] Ara Dok JM7 a fol. 51 tal-proċess.

Borg hati li hu recidiv fit-termini tal-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, hija mhix qed issib li huwa recidiv ghal finijiet tal-Artikoli 50 u 289 tal-istess Kodici.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

33. Fl-ikkalibrar tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputat Antoine Borg ghandu disa' (9) kundanni minn dawn il-Qrati, li jinkludu diversi reati kontra l-ligijiet tas-sewqan u l-Att dwar il-Valur Mizjud. Huwa instab hati wkoll ta' traffikar ta' persuni u ta' truffa. Mill-fedina penali aggornata jirrizulta li l-ahhar reat kommess mill-imputat Borg imur lura ghas-sena 2015.

34. Min-naha l-ohra, l-imputat Patrick Cassar ghandu tnax (12)-il kundanna minn dawn il-Qrati, li l-maggoranza taghhom huma ghal diversi serq ikkwalifikat, kundanna ghal korruzzjoni ta' minorenni u diversi reati ghal ksur tal-ligijiet tas-sewqan. Mill-fedina penali aggornata jirrizulta li l-ahhar reat kommess minnu kien fis-sena 2020.

35. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-imputat ikkopera mal-Pulizija fl-istadju tal-investigazzjoni.

36. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat Patrick Cassar ammetta li hu ghandu problema ta' tossikodipendenza, u qal li kien diehel jaghmel programm mal-Agenzija Caritas.[25] Pero hu ma ressaq l-ebda prova indipendenti li hu beda u wisq inqas spicca dan il-programm. Mill-atti jirrizulta wkoll li dan l-imputat kellu wkoll il-hsieb li f'Jannar ta' din is-sena jibda programm residenzjali fi hdan l-Agenzija Oasi.[26] Pero ghal darb'ohra, l-imputat Cassar ma ressaq l-ebda prova indipendenti li hu beda u spicca dan il-programm.

37. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll li minkejja li insterqet diversi ghodda, ta' valur konsiderevoli, l-unika oggett misruq u misjub mill-Pulizija kien *driller* wiehed tal-marka Makita.

[25] Ara fol. 255 tal-process.
[26] Ara fol. 288 tal-process.

**Konkluzjoni**

38. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

*Fil-konfront tal-imputat Antoine Borg*

1. Wara li rat l-Artikoli 261(b)(c) u (f), 263, 264, 266, 267 u 270 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-23 t'Ottubru 2019, ma ssibx lill-imputat Antoine Borg hati ta' dan ir-reat, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 476(2) tal-Kodici Kriminali, issibu hati tar-reat ta' ricettazzjoni kontemplat fl-Artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali, b'dan li l-valur tal-oggett misruq kien jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), izda ma kienx jeccedi l-elfejn tlett mija u disa u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

2. Issib lill-imputat hati li hu recidiv ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, izda mhux ai termini tal-Artikoli 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

3. In vista tal-fatt li l-imputat Antoine Borg instab hati tar-reati kontemplati fl-Artikolu 334(a), 279(a) u 49 tal-Kodici Kriminali, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti tikkundanna lill-imputat Borg ghall-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija.

4. Tordna ulterjorment, ai termini ta' l-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ta' sentejn (2) sospizi ghal tlett (3) snin moghtija permezz ta' sentenza fil-konfront tal-imputat Antoine Borg moghtija minn din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat Dottor Josette Demicoli, nhar l-4 t'Ottubru 2016 tigi reza operattiva, u b'hekk l-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' sentejn (2) u disa' (9) xhur prigunerija.

5. Il-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex jirrilaxxa favur Edwin Micallef id-*driller* tal-marka Makita ezebit bhala Dok FA2, liema *driller* ghandu valur ta' mitejn u hamsa u tmenin Euro (€285.00). Dan id-*driller* ghandu jigu rilaxxat wara li r-Registratur jiehu ritratti bil-kulur tal-istess oggett, liema ritratti ghandhom jigu inseriti fl-atti processwali.

*Fil-Konfront tal-Imputat Patrick Cassar*

6. Wara li rat l-Artikoli 261(b)(c) u (f), 263(a), 264(1), 266, 267, 270, 279(b), 280(2) u 49 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, issib lill-imputat Patrick Cassar hati tar-reati fihom kontemplati.

7. Issib lill-imputat Cassar mhux hati li hu recidiv ghall-finijiet tal-Artikoli 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

8. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundanna lill-imputat Patrick Cassar ghall-piena ta' sentejn prigunerija.

9. In oltre, in vista tal-fatt li din il-Qorti sabet lill-imputat Cassar hati tat-tielet imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata ghal zmien tlett (3) snin moghti b'sentenza tas-26 ta' Marzu 2018 minn din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat Dr Joseph Mifsud, din il-Qorti qieghda, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, titratta mal-hati ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni, daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull buon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikoli 261(b), (c) u (f), 263, 267, 270, 279(a), 325(1)(b), 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati ghal perjodu ulterjuri ta' tminn (8) xhur prigunerija effettiva.

   Ghalhekk, il-hati Patrick Cassar ghandu jaghmel ammont globali ta' sentejn u tminn (8) xhur prigunerija effettiva.

10. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati Patrick Cassar ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mitejn u erbgha u sebghin Euro u tnejn u sittin centezmu (€274.62), li ghandhom jithallsu mhux aktar tard minn

zmien sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza, u ghal dan il-fini ir-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero' jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

11. Ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-hati Patrick Cassar sabiex ihallas lil Edwin Micallef is-somma ta' tmint elef, tminn mija u ghoxrin Euro u erbgha u tletin centezmu (€8,820.34), rapprezentanti l-bilanc minn ammont akbar tal-valur tal-oggetti misruqa, wara li gie imnaqqas il-valur tad-*driller* rilaxxat favur Edwin Micallef b'din is-sentenza.

Din l-ordni ghandha tikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**